# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Gunju, 2017**

**Talba Nru: 180/2017PM1**

**Reuben Sacco**
**(KI Nru. 106988(M))**
**ezercenti l-kummerc that l-isem 'RS Turnkey Projects'**

**Vs**

**George Attard (KI 757656(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 t' April, 2017 permezz ta' liema l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma globali ta' tlett elef, tmien mija u sitta u sebghin Ewro u sittin centezmi (€3,867) (inkluz il-VAT), ossia ammont bilancjali dovut lill-attur ghax-xogholijiet t'appalt ezegwiti fuq struzzjonijiet tal-intimat stess gew l-fond bin-numru 151 fi Triq Birbal gewwa Balzan liema xogholijiet huma dettaljati fil-fattura annessa mal-istess avviz u dana wara li l-intimat hallas sitt elef Ewro (€6000) (inkluz il-VAT) akkont tal-ammont globali ta' disat elef, tmien mija u sitta u sebghin Ewro u sittin centezmu (€9876.60) bl-ispejjez inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali bin-numru 1670/16 intavolata fl-ismijiet fuq premessi a tenur tal-art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-

numru 1601/2016 u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat mill-attur sar dovut lilu sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont fl-intier tieghu kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta datata 23 ta' Mejju, 2017 permezz ta' liema l-intimat wiegeb illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li tressqu minghajr pregudizzju ghal xulxin:

Fl-ewwel lok, u preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza 'ratione valoris' ta' dan it-Tribunal. Dan ghaliex ghalkemm mad-daqqa t'ghajn it-talba hija ghal hlas ta' bilanc ta' €3867, il-vertenza hija 'ex admissis' dwar kuntratt t'appalt li skont ir-rikorrenti ghandu valur globali ta' €9867 li allura jeccedi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal;

Fil-mertu, ir-rikorrenti qieghed jitlob hlas ta' hekk imsejha 'extras works' (sic) illi l-bicca l-kbira taghhom ma kienu xejn xogholijiet extra imma kienu inkluzi fl-istimi originarjament mifthema u ghalhekk koperti bil-hlas li ga sar akkont. Hekk nghidu ahna "supply of new lavur" u "liquid membrane/concrete" kellhom jitiqiesu inkluzi fil-prezz mifitihem ghal "construction of balcony";

F'kull kaz, kif se jintwera fil-mori tal-proceduri, ix-xogholijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti u jonqos xogholijiet rimedjali li jsiru, b'dan nilli l-intimat qieghed iressaq l-'exceptio inadempleti contractus'.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u b'rizerva ghal talba ghad-danni kkawzati minhabba li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Ra illi fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2017 Dr. Andre` Portelli ghall-attur talab korrezzjoni fl-avviz fis-sens illi fir-rigward ta' Ewro 6000 li jinsab indikat bhala imhallas mill-intimat dan l-ammont huwa eskluz il-VAT u mhux inkluz il-VAT kif indikat fl-avviz u, wara li l-avukat difensur tal-intimat irrimetta ruhu, it-Tribunal laqa' t-talba u ordna l-korrezzjoni tal-avviz kif mitlub.

Ra li fl-istess seduta l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari.

Sema' x-xhieda tal-partijiet rispettivi u ra d-dokumenti kollha minnhom rispettivament prezentati.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza 'ratione valoris' ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi skont kif verbalizzat fis-26 ta' Mejju, 2017 dan it-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi limitatament l-ewwel eccezzjoni preliminari imressqa mill-intimat u cioe` "*in-nuqqas ta' kompetenza 'ratio valoris ta' dan it-Tribunal. Dan ghaliex ghalkemm mad-daqqa t'ghajn it-talba hija ghal hlas ta' bilanc ta' €3,876, il-vertenza hija ex admissis dwar kuntratt t'appalt li skont ir-rikorrenti ghandu valur globali ta' €9,876 li allura jeccedi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal*".

Illi f'dan ir-rigward l-art. 3(2) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car hafna filli jipprovdi li: "*t-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).*"

Illi madanakollu l-kontenzjoni tal-intimat hija li minkejja li, ghalkemm mad-daqqa t'ghajn it-talba odjerna hija limitata ghas-somma bilancjali ta' €3876.60 u liema somma taqa' taht tali kompetenza, sabiex it-Tribunal ikollu jiddeciedi l-vertenza odjerna huwa mehtieg li jiddetermina kwistjonijiet li jolqtu l-kuntratt t'appalt b'valur globali li jmur oltre s-somma ta' hamest elef euro (€5000) ai fini tal-art. 3(2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward l-abbli difensur tal-intimat iccita s-segwenti zewg decizjonijiet:

A. '**Spiridione u Antoinette konjugi Falzon v. Chiswick House School et**' deciza fid-19 ta' Gunju, 2003 minn dan l-istess Tribunal kif diversament presjedut u fejn it-Tribunal iddetermina li, gjaladarba t-talba kienet tirreferi ghas-somma ta' elf u erba mitt lira Maltin (Lm 1,400) u dak iz-zmien it-Tribunal odjern kien kompetenti sabiex jiddetermina kwistjonijiet sal-valur ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm 1,500), l-eccezzjoni 'ratione

materiae' kellha tigi michuda minkejja li s-socjeta` konvenuta f'dawk il-proceduri kienet "*qed tghid li l-atturi kellhom l-ewwel jitolbu decizjoni li x-xoghol tal-attur twaqqaf minghajr raguni valida fil-ligi*"

B. **'Maria Victoria De Domenico et. v. Dr. George Said'** deciza fil-21 ta' Frar, 2017 mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn saret referenza ghall-punt li meta "*l-Qorti tigi necessarjament mitluba bhala konsegwenza tal-eccezzjoni moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba qudiemha li tkkunsidra u tiddeciedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeccedu l-kompetenza taghha"* tali Qorti ma tibqax kompetenti anke jekk is-somma originarjament mitluba tkun taqa 'ratione valoris' fil-kompetenza ta' tali Qorti.

Illi fir-rigward tal-punt legali sollevat mill-intimat permezz tal-eccezzjoni tieghu jinsab deciz is-segwenti:

"*id-dottrina procedurali tirrikonoxxi sitwazzjonijiet fejn il-kompetenza ma tiddependix mid-domanda biss, imma anke mill-eccezzjoni. Din hi prassi forensika pjuttost komuni, kif ravvizat minn dawn lezemplari: "Oscar Busuttil noe –vs- Giuseppe Camilleri noe", Prim'Awla, Qorti Civili, 2 ta' Gunju 1952; "Margherita Rizzo –vs- Edgar Zahra", Appell, Sede Inferjuri, 10 ta' Jannar 1953; "Maria Grazia Pullicino et – vs- Assuero Ellul", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Ottubru 1966. "Dan jista' jigri billi l-Qorti tigi necessarjament mitluba bhala konsegwenza tal-eccezzjoni moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeccedu l-kompetenza taghha" – "Anthony Zammit –vs- Joseph Ellul noe", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju, 1996. Fil-kaz hawn trattat l-obbligazzjoni tal-konvenut, kif hekk del resto gie esplorat u dibattut mit-Tribunal, ma kenitx izolata u limitata biss ghal bilanc reklamat mill-atturi imma l-kwistjoni kellha ta' bilfors, "ope exceptionis", tigi deciza fl-isfond tan-negozju intier. Li jfisser li n-negozju kollu* ***<u>u l-ammont kollu tan-negozju guridiku intervenut bejn il-partijiet kien jehtieg jigi approfondit</u>*** *u mhux il-bilanc biss li l-atturi dehrilhom li kien ghadu dovut. "Dan ghalhekk ifisser illi l-kontestazzjoni kienet tezorbita mill-kompetenza guridika assenjata bil-ligi lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar" ("Antonia Attard Gialanze –vs- Rita Borg", Appell, 23 ta' Frar 2001; "Joseph Cassar –vs- Air Malta Co. Ltd.", Appell, 22 ta' Novembru 1996)."* **Saviour sive Sammy Mercieca u Angela Mercieca vs Carmel sive Charlie Galea** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell deciza fit-12 ta' Dicembru, 2001 – enfazi mizjuda).

Illi f'decizjoni ohra li kienet tirrigwardja talba ghar-rifuzjoni ta' depozitu fuq fuq prezz ta' vettura gie deciz illi:

"*Fil-kaz in ispecje, fuq il-bazi ta' dak rinvenut mill-atti, ma jidhirx li r-reintegrazzjoni tad-dritt pretiz mill-attur hu rimedjabbli semplicement bl-ekwivalenza tas-somma mitluba. (...) Huwa allura l-attur li qed jirripudja l-kuntratt meta jsostni li s-socjeta` appellanti kienet in vjolazzjoni tieghu.*" (**Peter Muscat vs Tasika Auto Limited** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Settembru, 2004.).

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Paul u Helen konjugi Caruana v. Norman u Jeannine konjugi Connell** deciza fil-25 ta' Frar, 2004 l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ikkonkludiet li: "*il-Qorti ma tarax kif l-appellanti jistghu jsostnu s-sottomissjoni generika illi ghax imsejjah biex jinterpreta kuntratt ta' ftehim, allura t-Tribunal ma ghandux kompetenza. Din il-limitazzjoni ma hi bl-ebda mod bazata fil-ligi. Certament, fil-limiti tal-kompetenza tieghu, t-Tribunal kien hieles li jinterpreta ftehim ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-vertenza jew biex jara jekk jikkonkorrux ragunijiet li jiggustifikaw, jew le, il-kompetenza tieghu.*"

Illi mis-surreferit it-Tribunal jista' jislet is-segwenti principji regulaturi:

1. Il-kompetenza tieghu, inkluza allura l-kompetenza 'ratione valoris', tista' tigi determinata kemm mit-talba (u cioe` mill-ammont mitlub) u kif ukoll mill-eccezzjonijiet moghtija.
2. Mhux minnu li, ghaliex it-Tribunal ikollu jinvestiga jew jinterpreta n-natura ta' kuntratt, dan iwassal awtomatikament sabiex it-Tribunal ma jibqax kompetenti sabiex jiddeciedi l-kawza li jkollu quddiemu.
3. Lanqas m'huwa minnu li, ghaliex semplicement issir referenza matul il-kawza ghal somma li tmur oltre dik li tiddetermina l-kompetenza tat-Tribunal li tali kompetenza tigi eskluza 'ratione valoris'.
4. Illi l-kompetenza tat-Tribunal tibqa' radikata sakemm, skont it-talba jew l-eccezzjonijiet relattivi, it-Tribunal ma jkunx tenut illi – sabiex jiddeciedi l-vertenza – jindaga u kwindi jiddeciedi wkoll dwar indoli u obbligazzjonijiet li jmorru oltre tali kompetenza. Dan ma jfissirx madanakollu li, ghaliex is-somma reklamata tkun wahda bilancjali minn somma akbar li tmur oltre l-kompetenza tat-Tribunal u peress illi x-xhieda tkun necessarjament tirrigwardja wkoll aspetti ta' tali kuntratt, il-kompetenza tat-Tribunal tigi eskluza minhabba li ssir tali referenza.

Illi skont ix-xhieda moghtija miz-zewg partijiet ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li mis-somma ta' €9876.60 l-intimat hallas is-somma ta' €6000 u kwindi, il-vertenza li t-Tribunal ghandu quddiemu kemm skont it-talba u kif ukoll skont l-eccezzjonijiet tal-intimat tirrigwardja jekk is-somma bilancjali ta' €3876.60 hijiex dovuta mill-intimat. L-intimat m'hux qed jikkontesta l-hlas li diga` sar minnu u kwindi l-indoli

li t-Tribunal huwa mitlub li jiddieciedi hija limitata 'ratione valoris' ghal tali somma mitluba. Filwaqt li l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' tali somma, l-intimat qieghed jikkontendi li dan il-hlas mhux dovut minnu ghaliex huwa diga' hallas ghall-istess xoghol u, f'kull kaz, ix-xogholijiet ma sarux skont l-arti u s-sengha.

Fir-rigward tal-eccezzjoni koncernanti n-natura tax-xogholijiet li ghalihom qed jintalab hlas huwa car li tali eccezzjoni tirreferi esklussivament ghall-'extra works' u kwindi t-Tribunal qieghed jigi semplicement adit sabiex jiddetermina jekk il-hlas ghal tali 'extra works' huwiex diga` kopert mill-hlas diga` affetwat mill-intimat u **kwindi jekk is-somma mitluba (jew parti mill-istess) tistax tibqa' tigi reklamata mill-intimat mighajr ebda effett fuq il-bqija tal-kuntratt.**

Anke fir-rigward tal-eccezzjoni 'inadempleti contractus' filwaqt li l-intimat ma jispecifikax liema huma dawk ix-xogholijiet li ma sarux skont l-artu u s-sengha xorta wahda qieghed iressaq tali eccezzjoni sabiex jirribatti ghat-talba ghall-hlas tas-somma bilancjali liema somma taqa' kjarament fil-kompetenza tat-Tribunal. Fi kliem iehor, dato ma non concesso, li t-Tribunal isib li xi xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti, **l-effett pretiz mill-intimat huwa dak li huwa ma jhallasx almenu parti mis-somma mitluba minghajr ebda effett fuq il-bqija tal-kuntratt.** Kwindi anke f'dan ir-rigward il-vertenza hija limitata, fl-aghar ipotezi, ghall-valur tas-somma mitluba u huwa proprju dwar l-indoli koncernanti l-obbligu pretiz mill-attur ghall-hlas tas-somma bilancjali li t-Tribunal ser jiddeciedi wara li jisma' l-provi dwar il-mertu tal-kaz.

Huwa car allura li xejn minn dak eccepit ma jservi sabiex b'xi mod it-Tribunal ma jibqax kompetenti li jiddetermina jekk tali hlas bilancjali huwiex dovut mill-intimat. Kien ikun xort'ohra, per ezempju, kieku t-talba jew l-eccezzjoni kienet titlob it-thassir tal-kuntratt kollu jew kieku tqajmet xi kontestazzjoni dwar il-valur globali tal-kuntratt jew dwar il-valur tas-somma imhallsa mill-intimat b'mod li jista' b'xi mod jintefa' dubbju dwar is-somma mitluba u jekk din taqax taht il-kompetenza tat-Tribunal jew dwar l-ammont kollu tan-negozju guridiku bejn il-partijiet. Madanakollu huwa car li, fil-kaz in ezami, l-partijiet qeghdin jaqblu dwar il-valur tal-kuntratt u wkoll dwar dak li gie mhallas mill-intimat **b'tali mod li l-kwistjoni rimanenti bejniethom bl-ebda mod ma tista' tincidi fuq il-bqija tan-negozju li ghadda bejniethom in kwantu tirrigwardja esklussivament is-somma mitluba, somma din li certament taqa' taht il-kompetenza 'ratione valoris' tat-Tribunal skont l-art. 3(2) tal-Kap. 380 hawn sopracitata.**

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut u filwaqt li jiddikjara ruhu kompetenti 'ratione valoris' sabiex ikompli jisma' u jiddeciedi dan il-kaz

jordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez in konnessjoni ma' din id-decizjoni jigu sopportati mill-intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**